# Formola tal-Art għad-Disponiment tal-Bidwi

## Ħarsa ġenerali

Il-Paragrafu 4 taħt l-Artiklu 4 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2115, il-Paragrafu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 2021/2115 u t-Taqsima 4.1.3 tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni għal Malta 2023-2027, jistipulaw li l-proċedura ta' reġistrazzjoni jew trasferimenti tal-artijiet għandha teħtieġ lis-sidien tal-artijiet jew lil bdiewa jissottomettu dikjarazzjoni ffirmata minn Kummissarju tal-Ġuramenti li tikkonferma li l-art hija għad-disponiment tal-bidwi. Din il-proċedura tapplika għall-għelieqi AGRICLAIM, bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' kontestazzjoni fejn il-proċedura tapplika għal kull tip ta' għalqa.

## Dak li ser tirċievi

Permezz ta' din il-formola l-bidwi qed jiċċara t-titolu li għandu fuq l-art, li huwa rekwiżit biex xi tip ta' talbiet jiġu pproċessati.

## Għal min tapplika

• Bdiewa reġistrati li jfittxu li:

o Jirreġistraw għalqa / għelieqi bħala AGRICLAIM,

o Jeqilbu għelieqi minn AGRIDEC għal AGRICLAIM, u

o Jimmodifikaw il-konfini tal-art li jirriżultaw f'żieda ta' aktar minn 100 metru kwadru.

• Kemm min jittrasferixxi kif ukoll min jirċievi huma meħtieġa jimlew il-formola f'każijiet ta' trasferimenti ta' għelieqi li kienu reġistrati fl-IACS wara l-31 ta' Diċembru 2017. Jekk l-għalqa kienet irreġistrata qabel il-31 ta' Diċembru 2017, il-formola trid timtela' biss minn fuq min ser idur ir-raba'.

• F'każ ta' kontestazzjonijiet, il-proċedura tapplika għal kull tip ta' għalqa.

## Dokumenti meħtieġa:

i) Il-formola mimlija flimkien ma' dikjarazzjoni ġuramentata quddiem il-Kummissarju għall-Ġuramenti,

ii) Pjanta tas-sit maħruġa mill-IACS, jew

iii) Pjanta tas-sit approvata mill-Perit f'każ ta' kontestazzjoni mill-kontestant biss.

## Sottomissjonijiet

Imla l-formola onlajn, ipprintjaha u ibgħat lil:

Front Office,

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA),

Pitkalija,

Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard

jew:

L-Uffiċju tal-Aġenzija t'Għawdex

Razzett Sperimentali tal-Gvern,

Triq l-Imġarr,

Xewkija, Għawdex